CCT/107/15/S

Dr.Anthony u Vivien konjugi Galea Debono
Vs
GO p.l.c.

Illum 18 ta'Frar,2016.

It-Tribunal,

Ra t-talba tal-konjugi Galea Debono pprezentata fl-20 ta'Mejju,2015 u r-risposta tas-socjeta GO p.l.c. gja Mobisle Communications Limited ipprezentata fil-5 ta'Gunju,2015;

Ra d-dokumenti, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni maghmula fis-seduta tal-14 ta'Jannar,2016;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda 'IPhone 5' li kien ghadu taht garanzija u li gralu hsara u meta kien mitlub jigbor apparat gdid, dan inghata minghajr kaxxa u ma kienx lanqas maghluq. Skont ir-rikorrenti, kienu inghataw assikurazzjoni li l-apparat li inghataw, kien wiehed gdid;

Illi jinghad mal-ewwel li kif gja inghad minn dan it-Tribunal, kull ftehim ghandu jkun car u li jinftiehem mill-konsumatur;

Illi kull darba li ftehim ma jkunx car, dan idahhal dubbji fil-konsumatur u jkollu effett negattiv fuq ir-relazzjoni bejn il-kummercjant u l-konsumatur;

Illi l-apparat inxtara minghand is-socjeta intimata li sostniet li l-garanzija titkellem fuq "*ssewwi jew tibdel*" minghajr ma tispecifika f'liema cirkostanzi, tapplika wahda u mhux l-ohra u vice-versa;

Illi s-socjeta intimata ma tatx spjegazzjoni dwar ghaliex ghazlet wahda u mhux l-opzjoni l-ohra u lanqas ma kienet cara jekk l-apparat moghti huwiex gdid jew le;

Illi gjadarba l-apparat inxtara minghand is-socjeta intimata, din tal-ahhar hi responsabbli fil-konfront tar-rikorrenti u mhux terzi li setghu ipprovdew l-'IPhone' in kwistjoni;

Illi s-socjeta intimata ghalkemm tat rimedju lir-rikorrenti billi taghthom apparat, ma kinitx cara jekk dan huwiex 'second-hand' jew le;

Illi jinghad ukoll li jekk oggett li se jinghata hu wiehed gdid, dan ghandu jkun kif normalment jinxtara u cioe f'kaxxa u maghluq;

Illi d-dicitura tal-garanzija bhal dik fil-kaz odjern, ghandha tkun iktar cara kif fuq inghad;

Illi ma ngabitx prova u lanqas ma giet allegata, li l-konsumatur ghamel uzu hazin mill-apparat;

Illi fic-cirkostanzi tal-kaz, dan it-Tribunal ihoss li t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi milqugha b'dan li ghandhom jinghataw 'IPhone 5' gdid;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Dr.Anthony u Vivien konjugi Galea Debono filwaqt li Jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta GO p.l.c. u Jordna lis-socjeta intimata taghti 'IPhone 5' gdid minflok dak gja moghti u dan fi zmien ghaxart ijiem mill-llum, b'kull parti thallas l-ispejjez relattivi ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru